MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 9/2011

**Joseph Mifsud**

**v.**

**Mary Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat li dawn huma proceduri li nbdew b'rikors ipprezentat fit-8 ta' Marzu 2011, u li qed isiru minn Joseph Mifsud biex jirregistra sentenza tat-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta li biha gie dikjarat null iz-zwieg tieghu ma' Mary Mifsud. Dan it-Tribunal iddikjara null u bla effett

iz-zwieg li l-partijiet wettqu fil-Knisja Kattolika ta' St. Mary Star of the Sea gewwa Leith, fi Skozja, fl-14 ta' Ottubru 1989.
Ir-rikorrent qed jitlob li din id-decizjoni tigi registrata fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku hawn Malta sabiex l-istess ikollha effett anke in relazzjoni mal-effetti civili taz-zwieg.

Rat in-nota tar-rikorrenti li fiha spjega l-iskop tat-talba tieghu;

Ikkunsidrat:

Jirrizulta li dan iz-zwieg li sar fl-iSkozja ma giex registrat hawn Malta, u dan peress li l-partijiet kienu gia` mizzewga civilment bis-sahha ta' zwieg li sar hawn Malta fl-4 ta' Awwissu 1980, u li gie debitament registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku. Huwa dan iz-zwieg li jgorr mieghu l-effetti civili ghal fini u effetti kollha tal-ligi ta' Malta, u mhux iz-zwieg Kattoliku li sar disa' (9) snin wara.

Skont l-att dwar iz-zwieg, il-qassis li jippresjedi fuq zwieg Kattoliku skont ir-rit tal-Kodici Kanoniku, jilbes ukoll il-vesti ta' "Registratur taz-Zwieg", tant li l-partijiet jiffirmaw quddiemu l-att taz-zwieg; dan il-qassis, imbaghad, irid jirregistra dan l-att fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku biex kollox ikun konformi mal-ligi. F'dan il-kaz, pero`, il-partijiet (ghall-ewwel) izzewgu biss civilment u ffirmaw l-att taz-zwieg li gie debitament registrat. Ghall-istat Malti, dan kien il-mument taz-zwieg taghhom.

Iz-zwieg religjuz li sar wara, ma kellu ebda effett fuq iz-zwieg civili li dahlu fih il-partijiet fl-4 ta' Awwissu 1980, izda sar biss biex jissodisfa l-obbligi morali tal-istess partijiet. Ghall-istat, pero`, iz-zwieg hu wiehed u sar f'Awwissu tal-1980, u dan iz-zwieg ghadu ma giex annullat. Li hassar it-Tribunal Metropolitan kien biss iz-zwieg religjuz li sar f'Ottubru tal-1989, u la darba dan iz-zwieg ma sarx fl-istess jum u hin bhaz-zwieg civili, dan tal-ahhar ma jistax jitqies null wkoll. Ir-ragunijiet li waslu lit-Tribunal Metropolitan ihassar iz-zwieg tal-1989, mhux bilfors japplikaw ghaz-zwieg li sehh fl-1980; zwieg jigi dikjarat null a bazi tac-cirkostanzi prevalenti fil-mument

tal-ghoti tal-kunsens, u f'dan il-kaz il-mument tal-ghoti tal-kunsens li sehh f'Awwissu 1980, ma giex investigat mit-Tribunal Metropolitan li illimita ruhu biex jezamina biss iz-zwieg li sar f'Ottubru tal-1989, dak iccelebrat bit-rit kanoniku.

Kwindi, iz-zwieg civili li wettqu l-partijiet f'Awwissu tal-1980, irid jitqies li ghadu validu u dan sakemm ma jkunx hemm pronunzjament xorta'ohra mill-qrati civili kompetenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba tar-rikorrent kif kontemplata fir-rikors tieghu tat-8 ta' Marzu 2011.

Spejjez jithallsu mill-istess rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------